Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 2001/2001/1

**Victor u Saverina konjugi Cassar**

**v.**

**HSBC Bank Malta p.l.c. u b'digriet tal-5 ta' Ottubru 2004**
**is-socjeta` Lloyd's Malta Limited bhala rapprezentant ex lege tal-membri ta' Lloyd's intervjeniet fil-kawza in statu et terminis**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**



Qrati tal-Gustizzja

1. Dan huwa appell ad istanza tal-atturi konjugi Cassar minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla Qorti Civili fit-3 ta' Marzu 2009 li biha laqghet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti. Spejjez tal-kawza minghajr taxxa.

2. L-atturi (illum appellanti) kienu pprezentaw citazzjoni fejn ippremettew:

Illi fit-12 ta' Lulju 1999, ghall-habta tal-10.15 a.m., waqt li l-attur Victor Cassar, fuq inkariku tal-bank konvenut li mieghu kien impiegat, kien jinsab, flimkien ma' persuni ohra, go van tas-sigurta` li wassal flus destinati ghall-fergha ta' Bormla tal-bank konvenut li temporanjament kien qed jopera mill-Kazin tal-Banda San Gorg, l-imsemmi van kien l-oggett ta' hold-up fejn kienu sparati diveri tiri ta' arma tan-nar fosthom tir li kien sparat lejn il-hgieg *bulletproof* tat-tieqa tal-istess van, u fejn in segwitu wiehed mill hallelin safa' milqut u maqtul minn membru tal-korp tal-pulizija li kien fuq il-post;

Illi dan it-tentattiv ta' hold-up ikkaguna hsara psikologika u mentali gravi u debilitanti fuq l-attur Victor Cassar li wasslet sabiex l-istess Victor Cassar jirtira mill-impjieg tieghu minn mas-socjeta` konvenuta qabel iz-zmien fuq l-iskorta ta' pariri tat-tobba inkluzi dawk inkarigati mill-bank konvenut stess;

Illi konsegwenza ta' dan il-fatt, l-atturi garrbu danni li jigu pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghad-danni konsegwenzali li garrbu l-atturi kienet tahti unikament is-socjeta` konvenuta meta, bhala employer tal-attur Victor Cassar, naqset skond il-ligi milli tizgura li jittiehdu dawk il-mizuri u prekwazzjonijiet ragonevoli kollha sabiex il-post tax-xoghol taht il-kontroll taghha jkun hieles minn kull periklu ghas-sahha u s-sigurta`, safejn huwa ragonevolment prattiku;

Illi l-istess bank konvenut wera imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza fil-konfront tal-attur Victor Cassar fl-ezercizzju tad-dmirijiet tieghu bhala employer

tieghu meta naqas skond il-ligi milli jizgura li l-post tax-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikli li jistghu jigu evitati ghall-inkolumita` fizika u psikologika tal-istess Victor Cassar;

Illi s-socjeta` konvenuta – interpellata biex taghmel tajjeb ghad-danni subiti mill-atturi – baqghet inadempjenti

3. Ghalhekk l-atturi talbu li:

1. Li tiddikjaraha unikament responsabbli ghad-danni li garrbu l-atturi konsegwenza tal-hsara psikologika u mentali li sofra l-attur Victor Cassar fil-hold-up fuq riferita meta, bhala employer tal-attur Victor Cassar, is-socjeta` konvenuta naqset milli tizgura li jittiehdu dawk il-mizuri u prekwazzjonijiet ragonevoli kollha sabiex il-post tax-xoghol taht il-kontroll taghha jkun hieles minn kull periklu ghas-sahha u s-sigurta` tieghu bhala impjegat taghha, safejn huwa ragonevolment prattiku, kif ukoll meta naqset milli tizgura li l-post tax-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikli li setghu jigu evitati ghall-inkolumita` fizika u psikologika tal-istess attur Victor Cassar;

2. tillikwida d-danni tal-atturi occorendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. tikkundannaha sabiex thallas lill-atturi dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilhom in linea ta' danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Mejju 2001, u bl-imghax legali kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

4. Il-bank konvenut ipprezenta nota tal-eccezzjoniiet fejn qal li :-

Illi preliminarjament il-giudizzju mhuwiex integru stante li min wettaq il-"Hold Up" jew l-eredi tieghu mhumiex citati fil-giudizzju.

Illi subordinament, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi ebda responsabbilita` ghas-serq akkadut u ghall-allegati danni konsegwenzjali ma hija imputabbli lejn l-istess Bank. Semmai kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-Bank konvenut ha l-mizuri ta' sigurta` kollha u necessarji sabiex jipprotegi l-impjegati tieghu fuq il-post tax-xoghol.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, mhuwiex minnu l-attur Victor Cassar qed ibaghti minn xi disabilita fizika jew mentali ta' natura permanenti konsegwenza ta' dan l-incident. Dan nonostanti, il-Bank xorta kien dispost li joffri impjieg alternattiv gewwa ufficju fejn ma jghaddux flus mill-idejn izda l-attur xorta ma accettax din il-proposta minghajr ebda raguni valida.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

5. L-ewwel Qorti, wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha ta' fatt u ta' dritt, waslet ghal dawn il-konkluzjonijiet.

6. **L-eccezzjoni tal-integrita` tal-gudizzju** giet deciza b'sentenza preliminari tat-28 ta' Novembru 2002. Il-Qorti cahdet dik l-eccezzjoni u mmotivat is-sentenza taghha hekk:

Skont l-istess kawżali kif imressqa, hu l-Bank biss (fil kwalita' tiegħu ta' principal) li jista' jigi addebitat bl-għamla ta' responsabbilta' għall-ħarsien ta' saħħet l-impjegati tiegħu fit-twettiq ta' ħidmiethom, bħalma qegħdin jixluh l-atturi. Il-persuni li ħadu sehem fil-*hold-up* ma jistgħu qatt iwiegbu għal dik l-għamla ta' responsabbilta'. Jistgħu jwiegbu għal responsabbiltajiet oħrajn, imma certament mhux dawk imnisslin mir-rabta kuntrattwali tal-impieg;

7. **Dwar responsabilita`** ghall-incident in kwistjoni l-ewwel Qorti sabet li f'dan il-kaz il-bank kien haddem *a safe system of work* u ghalhekk laqghet it-tieni eccezzjoni. Hi kkonkludiet hekk:

Il-Qorti thoss li f’socjeta` moderna bil-fors li jridu jezistu l-banek u bil-fors ukoll li f’dawn il-banek, iridu jsiru depoziti u gbir ta’ flus ghalkemm b’sistemi moderni ta’ teknologija, hafna mit-tranzazzjonijiet finanzjarji jsiru minn distanzi boghod b’sistemi bhal *internet banking*, *credit cards*, *direct debit* u tant sistemi ohra. Izda dan ma jeliminax in-necessita` li perjodikament iridu jittiehdu jew jingabru flus minn branka. Fil-fehma tal-Qorti wkoll, l-aktar sistema prattikabbli hija propju *cash vans* adegwati ghal dan il-ghan. Irrizulta li l-*cash van* in kwistjoni kellu l-hgieg *bullet proof*, tant li t-tir ta’ wiehed mill-hallelin ma rnexxielux jippenetra. Il-vann kellu wkoll *armour plating*. Jidher ukoll li l-branka l-gdida internament kienet mghammra sufficjentement. Dak li wiehed jista’ jiddubita fuqu huwa biss il-preparazzjoni minn barra l-branka sal-van, izda l-attur ma nzertax qieghed hemmhekk izda fil-vann li kien mghammar sufficjentement. Li kieku l-attur ta l-ordnijiet li suppost kellu jaghti fil-mument ta’ meta nqalghet l-agitazzjoni u l-vann telaq minn fuq il-lokalita` t-tir fuq il-vann kien jigi evitat, u l-istess il-konsegwenzi l-ohra. Ta’ min isemmi wkoll li l-attur stess kien jaf it-tip ta’ xoghol li kellu u li seta’ facilment ikun hemm xi hadd li jabbuza u jipprova jattakka l-vann, izda l-obbligu tal-Qorti huwa li tezamina u tevalwa jekk fil-fatt il-bank konvenut kienx ghamel dak li kien obbligat jaghmel biex jipprotegi lill-haddiema tieghu. Il-bank kien anke zied pulizija iehor u hawnhekk forsi l-Qorti taghmel tajjeb tikkundanna burokrazija zejda fuq l-aspett tas-sinjali ghall-“*Keep Clear*” u “*Reserved*” u li fuq min kien inkarigat messu ha hsieb li ma jsirx il-*parking* ta’ vetturi li mhux suppost sar.

**Rikors tal-appell tal-atturi Victor u Saverina konjugi Cassar**

8. L-atturi hassewhom aggravati bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interponew appell minnha b’rikors prezentat fit-23 ta’ Marzu 2009.

9. Fil-qosor, l-aggravji taghhom huma s-segwenti:

▪ Fl-ewwel lok il-qorti tal-ewwel grad accettat bhala fatti cirkostanzi li ma jirrizultawx mill-provi, ghamlet

apprezzament zbaljat tal-fatti u skartat provi determinanti biex strahet fuq provi inkonklussivi.

- Fit-tieni lok, l-ewwel Qorti ghamlet eunucjazzjoni zbaljata tal-mizuri u prekawzjonijiet ragonevoli li kellhom jigu implimentati mis-socjeta` konvenuta bhala *employer* u dan peress illi l-azzjoni attrici ma kienitx bazata esklussivament fuq il-principji tal-culpa akwiljana izda testendi ghall-obbligi statutorji skont l-Att VII tal-1994 (Kap 367), partikolarment l-Artikolu 2 (2)(a) u l-Artikolu 8 (1)(a) li kienet vigenti fiz-zmien meta sehh l-incident in kwistjoni.

10. Ghaldaqstant l-atturi appellanti talbu li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta, u tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**Risposta tal-appell tal-bank konvenut.**

11. L-appellat wiegeb ghar-rikors tal-appell billi sostna li s-sentenza appellata hija wahda gusta u timmerita konferma u li l-appell interpost ghandu jigi respint u michud bl-ispejjez kontra l-atturi appellanti filwaqt li jirribadixxi r-ragunament tal-ewwel Qorti fis-sentenza taghha.

**Fatti mertu tal-kaz**

12. L-incident mertu tal-kawza gara fit-12 ta' Lulju 1999 ghall-habta ta' l-10.15a.m. meta van tas-sigurta` tal-bank konvenut mar fil-fergha ta' Bormla u l-attur li kien impjegat mal-bank, kien jinsab ma' persuni ohra go l-istess van. Il-van kien qed iwassal flus fil-fergha ta' Bormla fejn kien qed jopera temporanjament mill-kazin tal-Banda San Gorg, meta sar *hold-up* u gew sparati diversi tiri ta' arma tan-nar, fosthom tir sparat lejn il-hgieg *bullet proof* tat-tieqa tal-istess van. Wiehed mill-hallelin safa' milqut minn tir ta' membru tal-korp tal-pulizija li kien fuq il-post u miet.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*Apprezzament ta' fatti*

13. **Dwar l-ewwel aggravju** l-appellati jissottomettu li l-argumenti migjuba mill-atturi appellanti ma jikkostitwixxux ragunijiet serji u gravi bizzejjed biex din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti, u fi kwalunkwe kaz dawn l-argumenti huma kwazi kollha riciklati min-nota ta' osservazzjonijiet li huwa pprezenta quddiem l-ewwel Qorti liema argumenti l-ewwel Qorti diga` ezaminat u warrbet.

14. Illi kif inghad minn din il-Qorti diversi drabi, "bhala linea ta' massima, din il-Qorti ta' revizjoni generalment ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Qorti tal-prim istanza. Madanakollu, jekk din il-Qorti jkun jidhrilha li tali apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti jkun talment zbaljat li jekk tali apprezzament jithalla jibqa' in vigore, tkun sejra ssir ingustizzja manifesta lil xi parti, allura f'dan il-kaz din il-Qorti, fl-interess tal-gustizzja sostanzjali, ghandha d-dover li ma toqghodx lura u ghandha tipprocedi biex taghmel il-valutazzjoni taghha u cioe` l-valutazzjoni korretta tal-provi akkwiziti fil-process"[1].

15. Illi stante li l-aggravju tal-appellanti jikkoncerna principalment apprezzament ta' fatti, din il-Qorti necessarjament fliet l-atti processwali kollha u sejra titratta l-aggravju sollevat.

*Pregudizzjal tal-appellata dwar x'tip ta' azzjoni qed jezercitaw l-appellanti.*

16. Illi l-Qorti ser tibda' billi tezamina l-pregudizzjal li ssolleva l-bank konvenut fir-risposta tal-appell tieghu dwar x'tip ta' azzjoni ezercitaw l-atturi. Illi skont l-appellant hu mexxa l-azzjoni tieghu fuq zewg binarji ghas-sejbien ta' htija tas-socejta` konvenuta (i) il-culpa akwiljana regolata bl-Artikolu 1031 u 1032(1) u 1033 tal-Kap. 16 u (ii) il-Kap. 367 dwar ir-responsabbilita` tal-*employer* lejn l-impjegati tieghu. Hu jsostni li s-socejta' konvenuta ttraskurat l-obbligi imposti fuqha li tipprotegi l-impjegati taghha, kemm

[1] App. Cassone v. Calamatta 29 ta' Frar 2008. para 17.

bhala missier tajjeb tal-familja kif ukoll bhala *employer* billi ma pprovdietx *a safe system of work.*

17. Is-socjeta` appellata min-naha l-ohra tikkontendi li meta giet trattata l-ewwel eccezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju l-attur kien ha pozizzjoni cara u eskluda li l-kawzali tieghu kienet b'xi mod tinkludi l-kulpa akwiljana. Ghalhekk issa l-appellant ma jistax jipprova jibdel il-posizzjoni tieghu biex issir indagini dwar culpa akwiljana. Fit-tieni lok l-appellata tissottometti li l-Qorti hija prekluza milli tikkonstata jekk kienx hemm ksur jew vjolazzjoni ta' disposizzjoni statutorja billi l-atturi qed jibbazaw l-azzjoni civili taghhom a bazi ta' allegat ksur ta' ligi kriminali li giet abrogata*.* Madankollu, anke jekk il-Qorti jidhrilha mod iehor, hija tissottometti li minn analizi tal-provi ma gietx pruvata n-negligenza tal-bank konvenut.

18. Illi l-ewwel Qorti fis-sentenza kkunsidrat iz-zewg binarji li jsemmu l-atturi appellanti u sostniet li kien jinkombi fuqha li "tezamina jekk il-bank konvenut offriex *a safe system of work* u r-responsabbilta` tieghu *o meno* ghal dak li gara taht il-kuncett tal-*culpa aquiliana"*[2]*.* Hi kompliet tghid li "huwa obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet li jassiguraw is-sahha tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol. Dan huwa principju generali li jitfa' obbligu fuq min ihaddem …"[3] L-ewwel Qorti ziedet li "Infatti f'dan it-tip ta' kawzi, azzjoni ma tkunx bazata biss fuq il-principji generali tar-responsabbilta` *aquiliana* kif tirrizulta mill-Kap. 16, Art. 1032, izda wkoll minn ligijiet statutorji vigenti fiz-zmien ta' meta jsir l-incident. Fil-kaz in ezami kien l-Att VII tal-1994 u b'mod partikolari l-Artikolu 2 subartikolu 2, u l-Artikolu 8 (1)(a) tal-imsemmi Att"[4].

19. Ghalkemm is-socjeta` konvenuta appellata qed tikkontendi li l-atturi ma jistghux issa jimxu fuq iz-zewg binarji imsemmija ghar-ragunijiet minnha fuq spjegati, fil-fehma ta' din il-Qorti s-socjeta` konvenuta ma kienitx awtomatikament mehlusa minn kull responsabbilita` ghax

---

[2] Fol. 16.
[3] Fol. 17.
[4] Fol. 18.

ir-responsabbilita` ghal incident fuq il-post tax-xoghol ma tqumx biss mir-relazzjoni ta' bejn min ihaddem u l-haddiem izda wkoll fuq il-principji generali tar-responsabbilita` akwiljana kif temergi mid-disposizzjoni relevanti tal-Kodici Civili, li huma wkoll imsemmija fil-premessi u talbiet attrici, "imprudenza, negligenza u inosservanza". Ghalhekk meta l-ambjent tax-xoghol ikun qieghed taht il-kontroll ta' min ihaddem, dan ghandu dmir generali, apparti da statutorju, li jaghmel dak li hu ragonevolment mehtieg biex inehhi jew ghall-inqas, inaqqas il-perikoli u r-riskji ghal dawk li huwa jqabbad biex jaghmlu xoghol ghalih f'dak l-ambjent.[5]

20. Fil-kaz in ezami jigi notat li d-decizjoni preliminari tal-ewwel Qorti nghatat fil-kuntest tal-eccezzjoni jekk il-gudizzju kienx integru u jekk kellux jiddahhal fil-kawza min wettaq il-hold-up. L-ewwel Qorti sabet li l-gudizzju kien shih nonostante li ma tharrkux il-persuni li kienu wettqu il-hold up. Il-fatt li fil-premessi tac-citazzoni jinghad li s-socjeta` konvenuta kellha responsabbilita` kontrattwali ma jeskludiex pero` li hija kellha responsabbilita` generali ghal culpa wkoll.

**Responsabbilita`**

21. Illi fl-aggravju tieghu l-appellant Victor Cassar jikkontendi li l-bank appellat ghandu jgorr ir-responsabbilita` shiha ghall-incident in kwistjoni ghax dan qies biss l-esigenzi tieghu u naqas milli jiehu mizuri ta' sigurta` adegwati ghac-cirkostanzi ambjentali partikolari u specjali li fihom kienet qed topera l-fergha ta' Bormla fil-jum u fiz-zmien tal-incident. Il-mizuri ta' sigurta` li ha kienu ghal kollox inadegwati u esponew lilu u lil shabu ghal riskju u periklu bla bzonn.

22. L-appellant ighid li qabel it-trasferiment temporanju ghal kazin tal-Banda San Gorg, l-bank kellu dmir li jaghmel evalwazzjoni tar-riskji ghall-haddiema tieghu u jaghmel arrangementi effettivi ghas-sahha u sigurta` tal-haddiema minn sogri li kienu ragonevolment prevedibbli.

[5] Ara PA Sammut v. Meli Bugeja Co. Ltd 10 ta' Lulju 2006.

Meta l-fergha marret temporanjament fil-Kazin ir-riskji ghas-sigurta` tal-haddiema u ghall-kljenti tal-bank zdiedu konsiderevolment, u nonostante dan il-bank, skont l-appellant, xorta ma ha ebda prekawzjoni tangibbli.

23. Is-socjeta` appellata ma taqbilx u tikkontendi li l-incident kien rizultat dirett ta' att kriminuz ta' terzi persuni li kkommettew il-*hold up* u kollox juri li l-mizuri ta' sigurezza adoperati mill-bank kienu mhux biss adegwati izda determinanti tant li salvaw il-hajja ta' min kien fil-linja tat-tir.

24. Il-Carrara jikkummenta dwar id-definizzjoni ta' "culpa" hekk[6]:

"*Si mutino come piace le formule, ma il tripode sul quale si asside la colpa sara` sempre questo*

*(1) volontarieta` dell'atto,*
*(2) mancata previsione dell'effetto nocivo,*
*(3) possibilita` di prevedere.*"

Dan l-awtur jirribadixxi hekk[7]:

*"...... la essenza della colpa sta tutta nella prevedibbilita`"*

"Prevedibbilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili.[8]"

Fil-kawza **Carmela Fenech proprio et nomine v. Antonio Galea** jinghad:

"F'tema ta' danni derivanti minn delitt jew kwazi delitt, id-diligenza li hija necessarja biex tnehhi r-responsabbilita` hija dik medja, ossia ordinarja, cioe` dik ta' bniedem prudenti."[9]

---

[6] Programma, Parte Generale, Vol. I para. 80.
[7] paragrafu 83.
[8] Vol. XLVIII. Part I, P. 258.
[9] Sentenza Appell-24 ta' Mejju 1954.

25. Illi bhala regola generali dan id-dover ma jista' qatt jestendi biex wiehed jipprevedi kontra l-kommissjoni ta' att kriminuz da parti ta' terzi, billi t-terz li jwettaq dak l-att kriminali jkun responsabbili ghalih hu. Izda certi atti kriminuzi jistghu jinkwadraw ruhhom fil-kuntest tax-xoghol ordinarju gestit minn min ihaddem, bhal fil-kaz tas-socjeta` konvenuta appellata li fix-xoghol taghha l-impjegati jistghu jigu esposti ghal riskji li jkun inerenti ghal dak ix-xoghol, bhal meta jittrasportaw flus jew oggetti prezzjuzi.

26. Ghalhekk ir-responsabbilita` tal-bank appellat ma tistax tigi eskluza semplicement ghax sar att kriminuz minn terzi izda jrid jigi ezaminat ukoll jekk fic-cirkostanzi jkunx ittiehdu mizuri protettivi minn min ihaddem.

27. Il-Qorti issa sejra tezamina l-provi biex tistabilixxi jekk il-mizuri ta' sigurezza li s-socjeta` appellata tghid li adoperat kienux bizzejjed u partikolarment jekk f'dan il-kaz naqsitx fid-dmir taghha li tipprotegi l-haddiema fil-cash van, fosthom l-attur fil-mod li kienu previsti li jaghmlu xogholhom minn gewwa l-cash van.

28. Skont l-appellant il-bank appellat ma kienx ghamel *risk assessment* meta beda jopera temporanjament mill-kazin tal-banda San Gorg. Isostni li kieku saret din l-evalwazzjoni tar-riskji l-bank kien jipprevedi li s-sogri kienu ser jizdiedu konsiderevolment u kien ikun f'qaghda li jagixxi skont pjan preciz. Il-fatt li l-bank kellem lis-ispettur tad-distrett ma jistax jinghad li hu xi esercizzu ta' *risk assessment*. Skont l-appellant kemm kien ilha hemm il-fergha ta' Bormla, qabel ma ccaqilqu temporanjament ghall-Kazin ta' San Gorg, qatt ma saret serqa jew tentattiv ta' serqa minnha[10].

29. Illi effettivament jirrizulta mill-provi li qabel ma l-bank beda jopera mill-Kazin tal-Banda San Gorg, ghalkemm ma sarx *risk assessment* formali, huwa ra x'mizuri ta' sigurta` kien hemm bzonn biex jopera mill-Kazin. Huwa

[10] Ara xhieda ta' Tanya Borg a fol. 114, Alfred Spiteri a fol. 99 u John Zammit a fol. 73.

fil-fatt ha hsieb biex izied is-sigurta` fil-Kazin innifsu u fid-dintorni ta' fejn kien ser jopera l-bank. Kien minhabba f'dawn ir-riskji mizjuda li l-bank ha mizuri agguntivi kif ser jigi spjegat. F'dik il-fergha l-bank appellat kien ser tipprovdi l-istess sigurta` li jipprovdi f'ferghat ohra tal-bank f'Malta.

30. Illi skont dawn il-provi, qabel ma l-bank beda jopera temporanjament mill-Kazin ta' San Gorg, hu ha diversi mizuri ta' sigurta` biex jipprovdi post tax-xoghol sigur ghall-impjegati tieghu. Illi ghal dak li jirrigwarda l-fergha tal-bank proprja gew installati hadid mat-twieqi kollha fil-parti tal-kazin li nkera mill-bank, staneg wara l-aperturi u bibien divizorji bejn il-parti mikrija u l-kumplament tal-kazin, security lock mal-bieb ta' barra u installazzjoni ta' alarm system u safes, kif ukoll CCTV cameras fuq barra tal-fergha.

31. Kwantu ghal l-ambjent ta' barra kien sar ftehim mas-Spettur tad-distrett dwar mizuri ta' sigurta` addizzjonali li kien hemm bzonn minhabba t-trazlok temporanju tal-fergha. Il-pulizija kellhom jipprovdu *reserved parking area* ghall-cash van f'Bull Street, fl-eqreb post ghall-bieb tal-fergha temporanja. Talbu wkoll patrols regolari mill-pulizija, ghassa mill-pulizija mal-fergha minn zewg ufficjali u mhux wiehed biex hekk izidu l-prezenza tal-pulizija mal-bank[11].

32. Fit-tqassim u gbir tal-flus, il-bank ipprovda cash van li kien mimli bl-attrezzi kollha li jirrikjedi vann bhal dan, fosthom *armour plating* tal-bodywork u *bullet-proof glass*. Tant hu hekk, li skont l-bank appellat, it-tir li gie sparat mis-senter isserrat minn distanza ravvicinata ghal gol-hgiega tal-vann ma ppenetrax l-istess hgiega u l-impjegati li kienu fil-van ma gralhomx hsara.

33. L-appellanti pero` jsostnu li, nonostante dan kollu, is-socjeta konvenuta naqset milli tipprovdi *a safe system of work* ghall-haddiema taghha billi l-mizuri li ha l-bank ma

[11] M.Bartolo a fol. 194 u Tanya Borg a fol. 114.

kellhomx jinkludu biss l-uzu ta' *armoured cash-van* izda kellhom jestendu ghall-ambjent kollu ta' fejn sar il-*hold up.* Infatti huma jghidu li fejn agixxew il-hallelin il-bank kien skopert ghaliex barra l-*branch* ma hasbu xejn lanqas ghal min kien fil-cash van. It-tragitt mill-van ghall-bank kien fil-miftuh, prattikament qalb in-nies.

34. Illi huwa minnu li meta gara l-hold-up ma kienx ghad hemm ir-*reserved parking sign* quddiem il-bank u li meta waqfet il-van dan kellu jzomm certa distanza mill-van sal-bieb tal-bank. Skont Tanya Borg ghalkemm ma kienx hemm ir-reserved sign, "il-van xorta wahda kien jersaq kemm jista' jkun vicin tal-bank temporanju"[12]. L-istess xehed id-driver tal-van li qal li "resaq kemm jista' jkun vicin il-bankina"[13]

35. Illi dwar ir-*reserved parking sign* il-bank kien applika mal-awtoritajiet koncernati, izda ma kienx tort tieghu jekk minhabba burokrazija, dan il-parking riservat u sinjali ohra ma gewx ipprovvduti f'waqthom.

36. Illi pero` jigi rilevat li, kwantu ghal fatt li l-van kellu jieqaf ftit il-boghod mill-bank, kif gja gie osservat mill-ewwel Qorti u mill-appellati, li l-mira tal-hallelin f'dan il-kaz kienet ghal boroz tal-flus waqt it-tragitt mill-cash van sal-fergha, u mhux il-van jew il-fergha tal-bank inifishom. Il-hold-up sar fuq l-impjegati tal-bank li kienu qed igorru l-flus waqt li kienu dehlin fil-fergha tal-bank. Huma kienu qed jigu protetti minn wiehed mill-pulizija armat li kien qed ikoprihom. F'dak il-hin l-attur kien gol cash-van u ma kien fl-ebda hin in kuntratt mal-hallelin. Skont ma stqarr hu stess fl-istatement tieghu[14] "I just heard the shots from the van. I haven't seen anything".

37. Il-fatt li l-van waqaf ftit il-boghod mill-bank ma kienx ir-raguni ghaliex sar il-hold-up. Il-fatt jibqa' li l-hallielin, bl-intenzjoni li jikkomettu s-serqa minn cash van, kien ser ikollhom dejjem l-opportunita' li jaghmlu dak l-attentat kemm jekk il-van ikun vicin il-bank u kemm jekk ikun qed

---

[12] A fol. 114.
[13] A fol. 122.
[14] Ara Dok MB2 a fol 171

jinsaq fit-triq mhux fejn il-bank jew minn fergha ghal ohra. Dik il-possibbilita` hija inerenti minn xoghol go cash van.

38. L-appellant issottometta li l-prezenza ta' pulizija fuq barra ma kienitx bizzejjed bhala mizura ta' sigurta`. Fil-fehma ta' din il-Qorti pero` f'dan il-kaz jirrizulta li din il-prezenza kienet wahda determinanti billi kien il-pulizija li waqqaf lill kriminali u salva l-hajja tal-impjegati tal-bank. L-assistenza ta' pulizija kienet wahda mill-mizuri ta' sigurta` li talab il-bank appellat.

39. L-appellant jikkontendi li huwa qatt ma nghata tahrig *f'Health and Safety* mis-socjeta` appellata qabel ma ntalab biex jaghmel dan it-tip ta' xoghol.

40. Illi skont is-socjeta` appellata l-impjegati taghha kellhom certa struzzjonijiet minghand il-Head tas-Security dwar kif kellhom joperaw. Is-security officer kien ighidlhom ezatt x'ghandhom jaghmlu u jekk kien jibghat lil xi hadd fuq cash van ma kienx ser jaqbad u jghidlu biex imur hekk minghajr ma jaghtih struzzjonijiet.[15].

41. L-appellant kien jaf li kien hemm certu riskju inerenti f'dan it-tip ta' xoghol u li l-possibbilita` ta' hold up ma kienitx xi haga remota u dment li jinghata l-protezzjoni adekwata ma setghax jilmenta mix-xoghol li kien qed jinghata. Similment ma jistax jilmenta pulizija li minhabba x-xoghol tieghu jigi in kuntatt mal-kriminali billi dak hu parti mix-xoghol tieghu. Ta' dak ix-xoghol l-appellant kien qed jithallas extra wkoll. Huwa qatt ma talab li jitnehha mill-*cash van escort duties,* u la hu u lanqas il-Union tieghu ma lmentaw minn xi nuqqas fil-proceduri ta' sigurta` adoperati mill-bank[16].

42. Il-bank kien ta direttivi lill-impjegati tieghu, li kienu jinkludu anke lin-nies tal-cash van, dwar kif kellhom jigu evitati *hold-ups* u kif ghandhom jgibu ruhhom waqt hold-ups, fosthom li kellhom jobdu l-ordnijiet ta' persuna

[15] Philip Borg a fol 178.
[16] Philip Borg a fol 161.

armata[17]. Inghatat struzzjoni specifika ghal min ikun f'cash van li ma jitlajjawx f'post meta l-flus jigu konsenjati, u ma jwaqqfux il-makna tal-van[18].

43. L-ewwel Qorti sabet li fil-kaz in ezami l-attur, li kien inkarigat mill-escort duty, malli gie infurmat mix-xufier li kien qed issir hold-up barra l-fergha temporanja tal-bank, minflok ma ta l-istruzzjonijiet minnufih biex il-van jitlaq, iddecieda li jirrakkonta kull ma kien qed jigri fil-pjazza lill-Kwartieri Generali tal-Pulizija u ghalhekk pogga lilu nnifsu u lil shabu f'perikolu bla bzonn.

44. L-appellanti jissottomettu li tenut kont tal-avvenimenti kif sehhew u tal-istat li kienu jinsabu fih in-nies li kienu qeghdin gol-cash van, partikolarment l-istat ta' agitazzjoni tas-sewwieq ta' istess van, ma hemm xejn x'jigi censurat fl-imgieba tal-appellant. Jghidu li huwa facili issa wara li gara dak li gara li tghid li l-appellant kellu jaghti l-ordni biex il-van isuq.

45. Skont l-appellant Victor Cassar l-incident gara hekk:

"Dakinhar tal-kaz, wara li kkonsenjajt il-basket bil-flus ordnati, sakkart u sekondi wara smajt tfaqqieha barra, qisha speci ta' musketterija tal-festi, id-driver Micallef beda jghajjat li barra kienu qed jaghtu, li waqghu fl-art, li rega' qamu, li kienu qed jiggieldu u li kienu hadulu l-basket. Dak il-hin indunajt li saret hold-up fil-pjazza. Fil-basket kien hemm Lm 80,000 fi flus Maltin u Lm 6000 fi flus barranin waqt li fil-van kien ghad fadalli mal-Lm 100,000 ohra. Fil-pjazza niftakarni nara nisa u tfal".

46. Minflok ma l-attur <u>dak il-hin</u> ordna li id-driver tal-van isuq minn fuq il-post, kif kellu struzzjonijiet li jaghmel, hu qabad

"mal-kwartieri generali tal-pulizija bir-radio u bdejt nirrapporta dak kollu li kien qed jigri. Kif qed naghmel ir-

---

[17] Tanya Borg a fol 116. Hi xehdet li jezistu security instructions u hemm security manual li jiffirmaw ghalih pero meta marru fil-branka l-gdida temporanja ma nghataw ebda instruction specifika. Ara fol 115.
[18] Xhieda M. Bartolo a fol 167.

rapport smajt ix-xufier tieghi ighid li kienu gejjin ghalina. Ghalhekk beda jghajjat biex nitbaxxew. Ix-xufier kien eccitat hafna u jien bdejt nikkalmah. Fl-istess waqt bdejt naghmel dak li nista' sabiex inzomm go fija t-tensjoni kbira li kien hemm gewwa l-van".

47. Anke f'dawk ic-cirkostanzi l-attur baqa' ma ccaqlax minn fuq il-post u minflok qabad mal-Cash Depot tal-bank u gharraf lill-Manager tieghu b'dak kollu li kien qed jigri. In segwitu rega qabad mal-Cash Depot bir-radio biex jara x'se jaghmel[19].

48. Fil-fehma tal-Qorti meta l-impjegati gol-cash van l-ewwel saru jafu li kien qed isir il-hold up huma ma kienux f'dak li stat ta' paniku u tensjoni li jsemmi l-appellant imma kien wara meta gie sparat it-tir fuq il-cash van. Fil-fatt l-appellant sa dak il-mument kien f'posizzjoni li jcempel id-depot u jirrakkonta x'kien qed jigri. Ghalhekk meta l-appellant gie infurmat mix-xufier li kien qed isir hold-up hu messu ordna li l-van jitlaq minn fuq il-post. Dak il-hin il-van ma kienx ghadu gie attakkat u kien wara li l-van baqa' ma telaqx minn fuq il-post, u meta l-hallelin kienu qed jaharbu wara li kienu ssieltu mal-pulizija li wiehed mill-hallelin spara tir fil-hgiega tal-cash van. Il-van suppost li kien ilu li saq minn fuq il-post.

49. Illi mill-provi prodotti din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li fuq il-bazi ta' dawn il-provi l-attur appellant ma rnexxilux jipprova sodisfacjentement li s-socjeta` appellata naqset fil-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja jew bhala employer. Is-socjeta` appellata ma naqsitx minn xi dmir impost fuqha bil-ligi billi adoperat mezzi ta' sigurta` adekwati fic-cirkostanzi, u l-att kriminuz, anke bil-mezzi adoperati, xorta wahda kien isehh.

50. Ghalhekk wara li din il-Qorti ezaminat il-provi u x-xhieda li gew prodotti f'din il-kawza taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti.

---

19 Fol 33/34

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.  L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif deciz mill-ewwel Qorti; l-spejjez ta' dan l-appell jithallsu mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------